MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Numru 367/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Abdulhamid Saied**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Abdulhamid Saied ta’ 34 sena, iben Ahmed u Fatima Ali, imwieled gewwa Tripoli, il-Libja nhar l-4 ta’ Marzu 1980 u bhalissa minghajr indirizz fiss u detentur tan-numru moghti mill-Kummissjoni tar-Refugjati 16987/14:

Akkuzat talli fit-8 ta’ April 2014 u fil-jiem ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer u cioe` gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta:

1) B’diversi atti maghmulin minnu kif ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda kkommetta serq minn diversi vetturi ghad-dannu ta’ diversi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, hin u xorta ta’ haga misruqa;

2) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta’ diversi persuni, liema hsara ma tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1, 164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3) U fl-ahharnett talli kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit nhar l-4 ta’ April 2014.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif registrata fis-seduta tad-9 ta’ April 2014, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur

tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, kif ukoll il-fedina penali tieghu, li tikkonsisti f'kundanna wahda dwar *inter alia* attentat ta' ferita gravi, dwar liema l-imputat inghata sentenza ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal tmien xhur, minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, u dan fl-4 ta' April 2014.

Il-Qorti qieset ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet (fir-rigward ta' liema ddikjarat b'mod car illi ma kinitx qeghda tintrabat b'dan is-suggeriment) fis-sens illi l-piena idonea ghar-reati odjerni, f'dan il-kaz, tkun illi s-sentenza ta' prigunerija sospiza tizdied minn xahrejn prigunerija sospizi ghal tmien xhur ghal sena u nofs prigunerija sospizi ghal erba' snin. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan is-suggeriment. Ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tinstab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, hlief jekk is-sentenza tkun diga` bdiet issehh (li mhux il-kaz), il-qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda issehh. Skond l-Artikolu 28B(2)(b), imbaghad, il-Qorti tista' fic-cirkostanzi hemmhekk spjegati, tibdel l-ordni originali maghmul bis-sahha tal-Artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm specifikat taghmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil,

apparti li tista' tastjeni milli taghmel ordni bis-sahha tas-sub-artikolu (1), skond l-Artikolu 28B(2)(a). Dan ifisser illi l-Qorti tista' sabiex titratta mal-hati dwar sentenza sospiza, jew iddahhal fis-sehh dik is-sentenza, jew testendi l-perjodu operattiv tal-istess sentenza jew inkella tastjenti milli taghmel ordni. Ma jfissirx, madankollu, illi l-Qorti ma titrattax mal-hati dwar ir-reati godda li huwa jkun ikkommetta waqt il-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiza. Lanqas ma jfisser illi l-Qorti tista' sempliciment testendi l-perjodu operattiv u/jew izzid il-piena ta' prigunerija sospiza moghtija permezz tas-sentenza originali, sabiex b'hekk titratta mal-hati dwar ir-reati kommessi matul il-perjodu operattiv u r-reati mertu tas-sentenza originali, kif pretendew il-partijiet fis-suggeriment taghhom dwar il-piena.

Il-Qorti qieset ukoll illi ai termini tal-Artikolu 28A(3) tal-Kap. 9, hija prekluza milli taghmel ordni ta' *probation* skond il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti lanqas ma jidhrilha illi jkun idoneu illi l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza ghar-reati mertu tal-kaz odjern. L-imputat rega' kkommetta reati ohrajn fit-8 ta' April 2014 u dan meta kien ghadu kif inghata sentenza ta' prigunerija sospiza biss erbat ijiem qabel u cioe` fl-4 ta' April 2014, meta certament gie spjegat lilu mill-Qorti, fl-ghoti tas-sentenza, il-konsegwenzi legali kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija. L-imputat minflok ma qghad attent u gharaf juzufruwixxi mill-opportunita` li nghatatlu, rega' xellef diffrejh mal-gustizzja erbat ijiem wara u ghalhekk il-Qorti thoss illi f'dan il-kaz, il-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva. Madankollu, stante illi l-prosekuzzjoni ma nsistietx ghal piena ta' prigunerija effettiva, il-Qorti mhijiex ser izzid il-piena ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ser taghti piena fil-minimu taghha, u lanqas m'hija ser tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija mertu tat-tielet imputazzjoni.

Gie kkunsidrat ukoll illi r-reat mertu tat-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni, u ghaldaqstant il-Qorti qeghda f'dan ir-rigward tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 20, 261, 267, 270, 271, 279(a), 280(1) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, qed tikkundannah ghal **piena ta' hdax-il (11) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 u ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fl-4 ta' April 2014, permezz ta' liema sentenza huwa kien gie ikkundannat ghal piena ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal tminn xhur, billi tordna illi l-perjodu operattiv ta' tminn xhur jigi estiz ghal perjodu ta' sentejn, liema perjodu ghandu jibda jiddekkori mil-lum stess.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti tordna li l-atti flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------